MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Numru. 267/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**CHRISTIAN PIROTTA ta' 28 sena iben Louis u Maria Theresa xebba Cassar, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Settembru 1981, li joqghod Christian, Triq Paolo Parisio, Naxxar u li ghandu numru tal-karta ta'l-identita' 0506981(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Christian Pirotta li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

Nhar il-24 ta' Mejju 2007 ghal habta tal-10:00p.m. gewwa il-fond Christian, Triq Paolo Parisio Muscat, Naxxar u f'dawn il-Gzejjer ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-

persuna ta’ Louis (Lewis) Pirotta li ghandu in-nurmu tal-karta ta’l-identita’ 0420157(M) skond kif iccertifika Dr. M. Caruana Reg. No. 2984 ta’ l-isptar San Luqa u dana bi ksur ta’l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali ta’ l-1 ta’ April 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi dina l-kawza ghanda bhala sfond problemi domestici li jidher illi ilhom ghaddejjin ghal certu zmien twil. Il-problemi gejjn mill-fatt illi l-missier tal-familja u cioe’ l-parti leza Louis Pirotta jidher illi ghandu problemi serji ta’ sahha mentali li iwasslu ghal diversi incidenti ta’ vjolenza fil-familja. Dana jixhduh id-diversi rapporti li gew maghmula lill-pulizija minn dina l-familja matul dawn l-ahhar snin. [1]Jidher illi kien hemm anke xi social workers u welfare officers li involvew ruhhom ma’ dina l-familja sabiex jippruvaw jaghtuhom xi forma ta’assistenza. Madanakollu jidher illi l-ebda progress ma sar u fil-fatt l-imputat tressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Illi ghalkemm Louis Pirotta hafer lil ibnu ghal dana l-incident u ma xtaqx jixhed fil-konfront tieghu, madanakollu mill-provi l-ohra mismugha mill-Qorti u senjatament mix-xhieda ta’ Marthese Pirotta, omm l-imputat u mix-xhieda ta’l-imputat stess irrizulta illi dana kien incident iehor bhal dawk li jinqalghu spiss f’dina il-familja, fejn il-missier u l-

[1] Dokument KF1 a fol.17 tal-process

iben gew fl-idejn biex b'hekk l-imputat ikkaguna il-griehi ta' natura gravi kif irrapportati mit-tobba Dr. Carmen Salafia Zammit u Dr. Marius Caruana.[2] Jidher madanakollu illi illum Louis Pirotta ma ghad qed ibati mill-ebda konsegwenza gravi kagun ta' dawn il-feriti u jidher illi fieq ghal kollox. (ara ukoll xhieda ta' Dr. Marius Caruana a fol.39 tal-process)

Illi ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat ikkaguna il-feriti kif rapportati fuq missieru u dana anke fuq ammissjoni tieghu stess. L-imputat ighid illi huwa xejjer idejh fid-direzzjoni ta' missieru meta ra lil missieru ser jitfaghlu xi gebla. Madanakollu il-Qorti temmen illi l-imputat xejjer daqqa ikbar minn semplici daqqa bl-idejn u dana peress illi kif tghid it-tabiba Carmen Salafia Zammit il-ksur li sofra Louis Pirotta fl-orbital bone certament gew ikkagunati minn daqqa qawwija hafna, peress illi tali ghadma ma tinkisirx facilment.

Illi ghalhekk meta tigi biex tikkunsidra il-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti ser ikollha tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat u il-familja tieghu ghandhom bzonn l-ghajnuna ta' nies professjonali bit-tama li fl-ahhar jitghallmu ighixu flimkien minghajr inkwiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenza skond il-ligi jekk huwa ma joqghodx ghall-ordni imposta fuqu illum.

Il-Qorti qed tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Ufficjal tal-Probation skond il-Ligi.

---

[2] Ara xhieda ta' dawn iz-zewg tobba a fol. 34 u 38 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------